**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 12 ta' Jannar 2022

Rikors fl-Atti bin-Numru: 151/2021 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 1385/2015)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-konvenut C B,[1] li permezz tiegħu ppremetta illi tramite d-digriet tal-10 ta' Settembru 2021 li ngħata fir-rigward tar-rikors għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet ippreżentat fl-atti tal-kawża tas-separazzjoni

[1] Fol. 82.

odjerna, huwa sar jaf li ġie ddikjarat mill-Qorti li jinsab kontumaċi f'dawn il-proċeduri hekk kif huwa ma ppreżentax risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi wara li ġie notifikat bir-rikors promotur fis-16 ta' Lulju 2021. Il-konvenut jgħid li wara verifiki neċessarji rriżultalu illi n-notifika tar-rikors ġuramentat saret hekk kif tali att ġudizzjarju tħalla ma' oħtu D B. Madanakollu l-konvenut jispjega li huwa qatt ma ġie notifikat b'ebda rikors ġuramentat u kif ukoll li ebda persuna, jew aħjar oħtu D B, qatt ma nfurmatu b'dan l-att ġudizzjarju. Filwaqt li jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Angelo Spiteri vs Santino Gauci**,[2] u **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo**,[3] il-konvenut jikkontendi illi huwa lanqas kellu l-iċken idea li kienet seħħet xi notifika, u b'hekk jeżistu ċirkostanzi li abbażi tagħhom din l-Onorabbli Qorti għandha tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda intenzjoni ta' nuqqas da parti tiegħu li seta' jammonta għal ħtija. Għaldaqstant permezz tar-rikors odjern, il-konvenut qiegħed jittenta jiġġustifika l-kontumelja tiegħu lejn il-Qorti, u konsegwentament qiegħed jitlob lill-Qorti l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu.

Rat ir-risposta tal-attriċi A B,[4] fejn toġġezzjona għal tali talba abbażi erba' (4) binarji u ċjoe': (i) ma ġiex ippruvat li D B ma ħaditx in-notifika jew li ma għaddietx l-att ġudizzjarju lill-konvenut, (ii) huwa inverosimili li D B li tabita fl-istess residenza tal-konvenut, ma għaddietx l-atti ġudizzjarji lill-konvenut għal perjodu ta' għoxrin (20) jum, (iii) il-konvenut huwa konoxxenti tal-importanza li wieħed iwieġeb fil-ħin u l-effetti legali fin-nuqqas ta' dan, hekk kif dan mhux l-ewwel rikors li ġie ppreżentat mill-attriċi, u magħdud ma' dan il-konvenut kien jaf ukoll illi l-attriċi ġiet awtorizzata li tipproċedi bil-kawża permezz ta' digriet datat 27 ta' Mejju 2021, (iv) b'referenza għas-sentenza bin-numru 190/2017 RGM,[5] jingħad illi l-Qorti kienet ċaħdet it-talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja meta kienet rinfaċċjata b'fattispeċji simili għal dawk odjerni. Għaldaqstant fil-fehma tal-attriċi dan l-aġir *"jikkonstitwixxi negliġenza (kolpa) lampanti da parti l-konvenut peress li kellu biżżejjed żmien saniex jagħmel l-arranġamenti kollha possibli u għalhekk l-iżball mhux impediment leġittimu"*;

[2] Deċiża mill-Prim' Awla, nhar l-24 ta' Marzu 1965.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), nhar id-29 ta' Mejju 1937.
[4] Fol. 87.
[5] Deċiża minn din il-Qorti, iżda diversament preseduta, nhar it-13 ta' Marzu 2018.

Rat id-digriet tat-18 ta' Ottubru 2021, fejn il-Qorti *"rat illi r-rikorrenti effettivament huma kontumaci u tordnalu jressaq bhala xhieda lil D B u lill-Marixxall li effetwa n-notifika lilha fis-seduta li jmiss"*;[6]

Rat in-notifika tar-rikors ġuramentat li saret fl-indirizz *"XX, X, No. 5, Triq Giovanni Scicluna, Għaxaq"* nhar is-16 ta' Lulju 2021 mill-Marixxall Mario Bonnici fejn ħalla l-att in kwistjoni f'idejn D B, bħala oħt il-konvenut;[7]

Rat ix-xhieda ta' C B tas-7 ta' Ottubru 2021 u 16 ta' Novebru 2021;[8]

Rat ix-xhieda tal-Marixxall E F tas-16 ta' Novembru 2021;[9]

Rat ix-xhieda ta' oħt il-konvenut D B tas-16 ta' Novembru 2021;[10]

Rat l-atti kollha tal-kawża odjerna;

Rat il-verbal tas-seduta ta' nhar is-16 ta' Novembru 2021, fejn il-Qorti akkordat ġimgħa żmien lill-partijiet sabiex jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom dwar din il-kwistjoni;[11]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut C B;[12]

Rat illi l-attriċi A B ma ppreżentat l-ebda nota;

Rat illi r-rikors odjern dwar it-talba tal-konvenut C B għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tiegħu u għall-awtorizzazzjoni li jippreżenta risposta ġuramenta, tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

L-aspetti fattwali ta' dan l-episodju proċesswali jistgħu jiġu elenkati kronoloġikament hekk kif ġej:

---

[6] Fol. 92.
[7] Fol. 9.
[8] Fol. 65, Fol 97
[9] Fol 95
[10] Fol 99
[11] Fol. 94.
[12] Fol. 102

a. B'rikors ġuramentat mressaq nhar l-4 ta' Ġunju 2021, l-attriċi A B pproċediet kontra C B, fejn talbet lill-Qorti sabiex *inter alia* tiddeċiedi dwar is-separazzjoni personali tagħhom,[13] liema rikors ġie notifikat lil konvenut nhar is-16 ta' Lulju 2021 hekk kif l-att ġudizzjarju tħalla f'idejn oħtu D B, maġġorenni, li tirrisjedi ukoll fl-istess residenza tal-konvenut;

b. Sakemm il-konvenut ġie notifikat bir-rikors promotur, l-attriċi A B ippreżentat rikors ġuramentat nhar it-23 ta' Ġunju 2021 fl-atti tal-kawza għas-separazzjoni personali tal-partijiet, fejn talbet it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema rikors il-konvenut wieġeb permezz ta' risposta datata 6 ta' Lulju 2021, fejn *in linea* preliminari eċċepixxa l-eċċezzjoni illi huwa kien għadu lanqas ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u b'hekk irriżerva l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-mertu tal-kawża tas-separazzjoni personali u għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti wara li jkun notifikat bir-rikors promotur. Wara li l-Qorti osservat illi l-konvenut ġie notifikat bir-rikors promotur nhar is-16 ta' Lulju 2021 u għadda ż-żmien stipulat fil-liġi sabiex iwieġeb b'risposta ġuramentata, u l-konvenut naqas milli jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu, permezz ta' digriet datat 10 ta' Settembru 2021 il-Qorti kienet tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi u sabiex tiġi sorvolata t-tieni eċċezzjoni kif elenkata mill-konvenut fir-risposta tiegħu għar-rikors tal-attriċi dwar it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, ikun idoneju illi l-konvenut jingħata ħamest' (5) ijiem utli sabiex jekk ikun il-każ jippreżenta risposta ulterjuri;

c. Permezz ta' rikors datat 28 ta' Settembru 2021,[14] il-konvenut C B ippreżenta rikors fejn irrileva li huwa skopra li kien ġie notifikat bir-rikors ġuramentat permezz tad-digriet datat 10 ta' Settembru 2021 u wara li pprovda r-raġunijiet tiegħu għal ġustifikazzjoni tal-istat ta' kontumċja, talab lill-Qorti l-awtorizzazzjoni neċessarja saiex jippreżenta r-risposta ġuramentata f'dan l-istadju. Għal dan ir-rikors, l-attriċi resqet l-oġġezzjoni tagħha permezz ta' risposta datata 14 ta' Ottubru 2021;

[13] Fol. 1.
[14] Fol. 82.

d. Permezz ta' digriet datat 18 ta' Ottubru 2021, il-Qorti rat illi l-konvenut effettivament jinsab fi stat ta' kontumaċja,[15] u wara li semgħat il-provi neċessarji, ħalliet għas-sentenza r-rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.

**Ikkunsidrat:**

In tema legali, Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-parti li hija relevanti għal dan il-kaz, jiddisponi dan li ġej:

*"(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*

…

*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."*

B'applikazzjoni ta' dawn id-dispozizzjonijiet kif ukoll skont ma jirrizulta mill-avviż stampat fuq ir-rikors ġuramentat promotur tal-attriċi a tenur tal-Artikolu 156 sub-inċiz 2 tal-Kapitolu 12, il-konvenut kellu għoxrin (20) ġurnata minn meta ġie notifikat bl-istess rikors ġuramentat sabiex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fir-reġistru ta' din il-Qorti, liema terminu f'dan il-każ għalaq fil-5 ta' Awwissu 2021. Madanakollu, mill-atti proċesswali jirriżulta b'mod ċar illi tali risposta ma ġietx ippreżentata entro tali terminu.

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għall-akkuża u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera diżubbidjenza ("kontumelja") lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tqis li fih element ta'

[15] Fol. 92.

diżordni soċjali u tħares lejh bħala aġir li jistħoqlu li jiġi punit bis-sanzjoni li l-kontumaċi ma jkunx jista' jipparteċipa fil-ġbir tal-provi u jikkontesta x-xhieda mressqa mill-attur/attriċi.[16] Għalhekk, il-kontumaċja hija ġeneralment meqjusa bħala miżura ta' natura punittiva li hija meħtieġa sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Samchrome FZE vs Danko Koncar et**,[17] ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited et**[18] fejn ġie rapportat illi:

*"Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997); Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-termini procedurali la jista' jigi sanar b'adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentament hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghaliex ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". (***Salina Wharf Marketing Limited –vs- Malta Tourism Authority***", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007)".*

Fid-dawl ta' din ir-rigorożita` fl-applikazzjoni tat-termini proċedurali stipulat mil-liġi u l-effetti mill-iktar drakonjani u s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li jġib miegħu n-non osservanza tat-terminu stipulat fl-Artikolu 158 subinċiz 1 għall-preżentata tar-risposta ġuramentata, ġie wkoll paċifikament aċċettat li l-istitut tal-

[16] **Dr. Aaron Attard Cavallazzi noe vs Asfaltar Limited,** deċiza mill-Prim'Awla 284/2014 nhar it-23 Lulju 2014.
[17] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Marzu 2016 (Rikors Numru 843/14).
[18] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Civili (Inferjuri), nhar is-6 ta' Frar 2008.

kontumaċja għandu jiġi applikat u mfisser b'mod ristrettiv.[19] Għalkemm il-kontumaċja hi deskritta bħala dispett lejn l-awtorità ġudizzjarja, l-istess ma tissarraf qatt f'xi forma ta' ammissjoni, totali jew parzjali, tat-talba attriċi. Li tiddefendi ruħek f'kawża ċivili huwa naturalment jedd u ċertament mhux obbligu u minn tali jedd jidderiva l-preċett tal-awtonomija ta' dik il-parti li taf tagħżel illi ma tattivax ruħha u ma tirreaġixxix, salv għall-konsegwenzi proċedurali relattivi li wieħed jista' jinkorri jekk jagħmel dan.

Madanakollu, hekk kif jistabbilixxi sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 surreferit, dak il-konvenut li jaqa' kontumaċi jista' jittenta jakwista lura dawk il-jeddijiet proċedurali u proċesswali tiegħu biex jirriattiva ruħu u jipparteċipa bi sħiħ fil-proċediment. Għaldaqstant għandu l-fakolta' li jiġġustifika n-nuqqas tiegħu u dan billi jippreżenta rikors, fejn il-Qorti ikollha l-obbligu illi tevalwa x'kienet l-intenzjoni tal-konvenut u tagħmel distinzjoni bejn il-konvenut li juri *disinteress assolut* (dak li jissejjah kontumaċja bi ħtija) u l-konvenut li juri li kien intenzjonat jikkontesta l-kawża iżda ma laħaqx għamel dan għal raġuni li *ma kienx jaħti għaliha*.[20] Biex il-kontumaċja tal-parti konvenuta tkun ġustifikabbli, *"din trid tkun involontarja, mhux kolpuza (i.e., li tohrog minn ghemil traskurat), skatenata minn (jew rizultat ta') kawza gusta konsistenti f'impediment legittimu, tali impediment irid ikun indipendenti mill-volontà tal-konvenut, tali impediment jista' jkun frott ta' zball basta jkun wiehed invincibbli, tali impediment legittimu ghandu jkun fiziku u mhux wiehed merament morali".*[21] F'dan is-sens ara s-sentenzi fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs. Carmelo Vassallo**,[22] u **Simone Eve Collett Sammut et vs. Adam Sammut et**.[23]

## Ikkunsidrat:

Illi fir-rikors in kwistjoni, il-konvenut jispjega illi ma kienx jaf li ġie notifikat bir-rikors ġuramentat, u wara verifiċi li saru fl-atti proċesswali skopra illi n-notifika saret hekk kif il-Marixxall ħalla r-rikors ġuramentat ma' D B, ossija oħt il-konvenut, nhar is-16 ta' Lulju 2021. Magħdud ma' dan il-konvenut jgħid illi D B qatt u fl-ebda mument ma għarfitu dwar dan ir-rikors ġuramentat, u *di piu'* l-

[19] **Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et,** deċiza mill-Qorti Appell Ċivili nhar is-7 ta' Marzu 1997, ċitata fis-sentenza fl-ismijiet **D R vs. Agostino R**, deċiza mill-Prim'Awla (1314/2000) nhar il-11 ta' Marzu 2003.
[20] **Gloria Beacom vs Perit Anthony Spiteri Staines**, deċiza mill-Prim'Awla nhar id-9 ta' Diċembru 1993.
[21] **Margal Limited (Reġ. Nru. C-28583) vs Euharist Bajada**, deċiza mit-Tribunal għal Talbiet Zgħar nhar il-5 ta' Frar 2019.
[22] Deċiza mill-Appell Inferjuri nhar id-29 ta' Mejju 1937; riportata f'Kollez. XXIX-I-1581.
[23] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Marzu 2015.

konvenut jispjega ukoll illi meta *"sussegwentament ikkonfronta lill-oħtu dwar dan, hija ċaħdet li aċċettat tali notifika għan-nom tiegħu u fil-fatt l-att ġudizzjarju innifsu ma nstab imkien"*.[24]

Illi konsegwentament fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, il-konvenut ikkonferma li dakinhar li saret in-notifika huwa kien jirrisjedi fl-istess fond fejn tirrisjedi oħtu ta' tnejn u għoxrin (22) sena.[25] F'xhieda ulterjuri, huwa kompla jispjega illi huwa sar jaf dwar in-notifika mill-avukat tiegħu, hekk kif ħadd mid-dar ma infurmah dwar dan l-att ġudizzjarju u oħtu ma tatux dawn il-karti f'idu. Wara li sar jaf bin-notifika, il-konvenut jispjega illi tkellem ma' ommu, iżda qatt ma kkonfronta u kellem lil oħtu stante li hu u oħtu ma jiltaqgħux. In kontro-eżami, il-konvenut jgħid illi ma jiftakarx dwar l-għeluq ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, u jikkonferma li ma kienx jaf li nbdew proċeduri għal separazzjoni personali minn A B.

**Ikkunsidrat:**

Illi oħt il-konvenut, D B, il-persuna li laqgħat in-notifika għan-nom tal-konvenut tar-rikors ġuramentat għall-kawża għas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ukoll xehdet dwar iċ-ċirkostanzi relevanti, fejn filwaqt li kkonfermat li ħuha C B dak iż-żmien kien jgħix fl-istess fond fejn tabita hi, kompliet tistqarr illi dak il-ħin li ġie l-Marixxall bl-att ġudizzjarju hija kienet sejra għax-xogħol u *"malli waslet iffirmajt għaliha u tellajtha d-dar <u>fuq il-breakfast bench</u>"*. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li hi u ħuha ma tantx jitkellmu, u lil ħuha ma għarfitux li kien irċieva xi karti. Meta ġiet mistoqsija mill-Qorti: *"Pero' fuq il-breakfast bench, normalment hemm tidħalla l-posta ta' kullħadd?"*, ix-xhud wieġbet *"hemmhekk nqegħduhom"*.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Marixxall E F, xehed ukoll u kkonferma li ilu jaħdem bħala marixxall għal madwar seba' (7) jew tmien (8) snin, u b'hekk għandu l-esperjenza f'dan il-qasam. Jikkonferma illi fix-xogħol tiegħu huwa ma jivvintax l-ismijiet, iżda jniżżel dik l-informazzjoni pprovduta lilu mill-persuna li tkun irċievet l-att ġudizzjarju.

[24] Fol. 82.
[25] Fol. 65.

**Ikkunsidrat:**

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi mresqa dwar din il-kwistjoni, issa ser tgħaddi għall-eżami tal-każ *in specie* biex tevalwa jekk il-motivi mressqa mill-konvenut humiex tajbin biex jiġġustifikaw il-qagħda proċesswali tiegħu *qua* parti kontumaċi.

*In primis,* il-Qorti tibda sabiex tisħaq illi fir-rigward tal-materja tal-kontumaċja, bħala linja gwida hija taddotta u tagħmel tagħha dik il-ġurisprudenza l-aktar kostanti, u ċjoe' illi l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, u dan għaliex tqis li t-termini għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji, stabbiliti statutorjament, qegħdin hemm biex joħolqu sistema' proċedurali stabbli u uniformi li huma elementi essenzjali f'kull proċess ġudizzjarju. Għalhekk, taqbel ukoll illi filwaqt li l-konvenut irid jafferma kawża ġusta sabiex jissana l-kontumaċja tiegħu, kawża li tkun attribwibbli għall-volonta` jew *culpa* tiegħu, m'hijiex *'kawza ġusta'*.[26] F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bugeja vs. Mary xebba Farrugia**,[27] fejn ġie ritenut illi: *"f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz, il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire".*

Stabbilit il-premess u fit-tieni lok, il-Qorti tissottolineja illi ma hemmx kontestazzjoni illi n-notifika tar-rikors ġuramentat promotur li saret nhar is-16 ta' Lulju 2021 hija waħda valida, hekk kif din saret skont Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant dak li trid tara l-Qorti f'dan l-istadju huwa jekk il-ġustifikazzjoni pprovduta mill-konvenut hijiex waħda li tistabbilixxi li ma kienx hemm negliġenza jew ħtija tal-parti. F'dan il-kuntest, il-Qorti tara li l-konvenut ma kienx konsistenti u vertier fil-verżjoni tiegħu, u dan għas-segwenti raġunijiet:

i. Inizjalment, fir-rikors tiegħu l-konvenut jgħid li wara li sar jaf bin-notifika tar-rikors ġuramentat, u *"meta l-esponent sussegwentament ikkonfronta lill-*

[26] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Victoria Tabone et vs. Daniel Orsini**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar l-4 ta' Lulju 2017.
[27] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar is-16 ta' Frar 1996.

*oħtu dwar dan, hija ċaħdet li aċċettat tali notifika għan-nom tiegħu u fil-fatt l-att ġudizzjarju nnifsu ma nstab imkien".* Konsegwentament fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti huwa ddikjara li hu u oħtu ma jitkellmux, tant li dwar din il-kwistjoni tkellem ma' ommu. Din il-kontradizzjoni u inkosistenza fuq kwistjoni tant bażika, ma tantx tirrifletti tajjeb fuq il-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti dan juri li l-konvenut ittenta jgħawweġ il-verita' sabiex jottjeni eżitu a favur tiegħu;

ii. In kontro-eżami l-konvenut jinnega li kien konsapevoli dwar l-intavolar ta' proċeduri għal separazzjoni personali mibdija minn A B, u jistqarr li nesa' dwar l-għeluq tal-proċeduri ta' medjazzjoni. Madanakollu, min-naħa l-oħra jgħid illi normalment meta jirċievi atti ġudizzjarji, huwa jgħaddihom lill-avukat tiegħu fejn dan tal-aħħar jispjegalu xi jkun fihom l-atti in kwistjoni. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli li temmen lill-konvenut, hekk kif il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-konvenut ma nesiex dwar l-għeluq tal-medjazzjoni u li l-avukat tiegħu spjegalu sew x'kien il-pass sussegwenti, u ċjoe' li l-partijiet kienu awtorizzati li jintavolaw il-kawża għal separazzjoni personali entro t-terminu ta' xahrejn. Għadaqstant il-Qorti hija persważa li l-konvenut kien konsapevoli li kellu jirċievi atti importanti mill-Qorti, u dan jista' jkompli jiġi kkonfermat hekk kif fir-risposta tiegħu tas-6 ta' Lulju 2021 għar-rikors ta' A B għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll fir-risposta tiegħu tad-19 ta' Lulju 2021 għan-nota tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal,[28] huwa stess iddikjara li għadu mhux notifikat bir-rikors ġuramentat promotur. Għaldaqstant il-Qorti ssaqsi, tenut kont li: (i) d-digriet għall-għeluq tal-medjazzjoni ngħata nhar is-27 ta' Mejju 2021, (ii) il-kawza għas-separazzjoni kellha għaldaqstant tinbeda tal-inqas sas-27 ta' Lulju 2021, u, (iii) nelfrattemp il-konvenut ġie nnotifikat b'rikors għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, huwa possibbli li l-konvenut ma qagħdx attent għal dik il-korrispondenza li kienet qiegħda tasal id-dar proprju għalih? Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut kellu l-massima obbligazzjoni li joqgħod attent u kawt għal dawk l-atti li kienu qegħdin jaslu fir-residenza li fiha kien qed jabita, u nuqqas ta' dan juri biss kulpa u neglipenza da parti l-konvenut.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tara li l-ġustifikazzjoni li l-konvenut pprova jagħti l-konvenut għall-kontumaċja tiegħu, ma hijiex konvinċenti u attendibbli. Il-Qorti

[28] Fol. 18.

ma tarax li huwa verosimili li l-konvenut ma ġiex infurmat mill-membri tal-familja tiegħu bl-atti in kwistjoni, jew li ma skopriex waħdu b'tali atti wara li dawn tħallew fuq il-*breakfast bench* ġewwa r-residenza li jgħix fiha. Għalkemm oħt il-konvenut ma nfurmatx espressament lil ħuha bl-atti ġudizzjarji, il-Qorti tara li ma għandhiex għalfejn ma temminx lil D B illi din verament ħalliet dawn l-atti fuq il-*breakfast bench* u kif ukoll li l-*breakfast bench* hija proprju dak il-post speċifiku fejn il-familja kollha tħalli u tiġbor l-posta u d-dokumenti kollha rċevuti. Għaldaqstant il-Qorti tifhem li l-familja B tikkonsidra l-*breakfast bench* bħala l-post fejn wieħed għandu jitfa' u jiġbor il-posta, u b'hekk huwa mifhum li anke jekk D B ma nfurmatx lil ħuha dwar l-atti u dan minħabba kwistjonijiet ta' bejniethom, kien allura iktar u iktar jispetta lil konvenut illi jiċċekka kuljum jekk fuq il-*breakfast bench* kienx hemm xi posta jew dokumenti għalih tenut kont li kien miksur ma' xi membri tal-familja li jgħixu taħt l-istess saqaf miegħu.

F'dan il-kuntest il-Qorti tara idoneju li tagħmel referenza għas-sentenza bl-ismijiet **Josette Desira pro et noe vs John Vella**,[29] u ċjoe' l-istess sentenza li għaliha għamlet referenza l-attriċi fir-risposta tagħha għar-rikors in eżami tal-konvenutu u da tenut kont tal-fattispeċji simili għal dawk odjerni, fejn ġie ritenut illi*:*

*"Il-Qorti tqis ulterjorment illi jekk dato ma non concesso illi oht il-konvenut ma gharfitx lill-konvenut bid-dokumenti in kwistjoni, l-uniku ipotesi alternattiv li jista' jigi ragjonevolment ipprospettat mir-rizultanzi tal-provi akkwiziti, huwa li l-konvenut naqas milli jittawwal fil-post fejn solitament tigi merfugha l-korrispondenza fir-residenza tieghu biex jivverifika x'korrispondenza kien ircieva, ghal xejn anqas minn 38 jum shah. Ipotesi din li m'ghandhiex mill-verosimili u mhiex qed tigi accettata mill-Qorti.*

*Meta jigi kkonsidrat illi l-konvenut kien ghadu kif ghadda mill-proceduri ta' medjazzjoni u ghalhekk kien jaf li l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza dwar il-mertu tal-vertenza bejnethom u li ghalhekk kien hemm il-possibbilita` ossia il-probabilita' illi ser jigi notifikat bil-kawza relattiva fi zmien prossimu, il-verzjoni tal-konvenut m'ghandhiex mill-verita'".*

L-istess għandu jingħad fiċ-ċirkostanzi odjerni, hekk kif għal Qorti huwa inverosimili li fi kwalunkwe każ l-konvenut naqas milli jiċċekkja l-posta u/jew

[29] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, diversament preseduta, nhar it-13 ta' Marzu 2018.

dokumenti li waslu għalih għal erbgħa u sebgħin (74) ġurnata,[30] wara li l-proċeduri ta' medjazzjoni ntemmew nhar is-27 ta' Mejju 2021.

Il-Qorti tara li fir-rikors tiegħu l-konvenut għamel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Angelo Spiteri vs Santino Gauci**.[31] Madanakollu l-Qorti tara illi f'dak il-każ partikolari ma nstabitx element ta' ħtija u negliġenza da parti l-konvenut. Dan ma jistgħax jingħad għal każ odjern, hekk kif inhu manifest b'mod ampju illi teżisti kulpa mhux skużabbli da parti l-konvenut, tant li fil-fehma tal-Qorti l-konvenut altru milli pprovda raġuni tajba u ġusta, izda pjuttost jirriżultalha diżinteress assolut u negliġenza grassa da parti l-konvenut fl-atti ġudizzjarji. B'hekk il-konvenut ma rnexxilux jiġġustifika kontumaċja tiegħu kif trid il-liġi.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet surreferiti, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li l-konvenut ma rnexxilux jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u għalhekk tiċħad it-talba tiegħu kif dedotta fir-rikors tat-28 ta' Settembru 2021 għall-awtorizzazzjoni biex jippreżenta risposta ġuramentata f'dan l-istadju fl-atti tal-kawża odjerna għas-separazzjoni personali.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandhom jitħallsu mill-konvenut.

[30] Ikkalkulata mid-data tan-notifika sad-data li ġie ppreżentat ir-rikors in eżami.
[31] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Marzu 1965.